MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Citazzjoni Numru. 1145/1997/1

**Charmaine mart Alfred Zahra f'isimha *proprio* u bhala legittima rapprezentanti ta' uliedha minuri Shannon u Brandon**

**Vs**

**Alfred Zahra**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attrici *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-kontendenti zzewgu fil-15 ta' Dicembru 1994 fir-Registru Pubbliku, il-Belt, Valletta u mil-liema zwieg twieldulhom zewg ulied minuri Shannon u Brandon li

ghandhom l-eta` rispettiva ta’ sentejn u nofs u sena rispettivament;

Premess illi l-imsemmi konvenut irrenda ruhu hati ta’ swat, sevizzi, mohqrija u inkompatibbilita’ ta’ karattru da parti tieghu b’rizultat li rrenda impossibli l-hajja konjugali ta’ bejniethom;

Premess illi l-konvenut mhux qed imantni lill-attrici u lil uliedhom kif inhu obbligat jaghmel skond il-ligi;

Premess illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma’ zewgha *ad mensa et thoro* skond digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili numru 429/97 anness ma’ l-att tac-citazzjoni u mmarkat bhala dokument “A”;

Talbet ghalhekk l-attrici *proprio et nomine* li din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli ghall-konvenut;

2. Tafda l-kura u l-kustodja ta’ uliedhom minuri Shannon u Brandon f’idejn l-attrici ghall-ahjar interess tal-minuri;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentarja ghaliha u ghal uliedhom minuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti u b’dawk il-modalitajiet li jigu hekk stabbiliti;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha f’zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-attrici u wahda lill-konvenut bin-nomina okkorrendo ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma u okkorrendo tinnomina nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-att;

5. Tapplika kontra l-konvenut id-dispozzizzjonijiet ta’ l-Artikoli 56, 58, 59 tal-Kodici Civili u senjatament li tigi moghtija lill-istess attrici l-pjena amministrazzjoni tal-beni taghha;

6. Tordna wkoll illi l-attrici tiehu kunjom xbubitha biex b’hekk isir l-annotament mehtieg fir-Registru Pubbliku biex minn ZAHRA kunjomha jsir CHETCUTI;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attrici *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat illi ghalkemm debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, il-konvenut baqa’ ma pprezentax in-Nota ta’ l-eccezzjonijiet tieghu;

Rat id-digriet tad-9 ta’ Frar 1999 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarja Dr. Greta Agius biex tigbor il-provi;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Id-domanda tas-separazzjoni f’dan il-kaz hija bazata fuq swat, sevizzi, mohqrija u nkompatibilita` ta’ karattru. Il-Qorti ghandha allura tillimita ruhha ghall-fatti biex tara jekk jezistux ir-ragunijiet jew xi wahda minnhom li fuqha l-attrici tiffonda t-talba taghha ghall-firda personali;

Il-Qorti tahseb li r-ragunijiet adotti huma sfumaturi ta’ l-istess haga peress illi anke ghalkemm l-inkompatibilita`

tal-karattru per se` ma tikkostitwix motiv fost dawk elenkati mil-ligi li jakkorda d-dritt ghas-separazzjoni, eppure "*la stessa non puo non essere presa nella debita considerazione dalla Corte per la valutazione della gravita` delle cause che avessero determinato una delle parti ad adire il tribunale per ottenere la separazione*" (**Vol. XXVIII P II p 298**). Tant dan hu hekk illi fl-istess sentenza jinghand ukoll illi "*un contegno di indiferenza persistente da parte di un coniuge verso l'altro costituisce una sevizia morale*";

Issa kif gie espress fid-decizjoni a **Vol. VIII pag. 877**, "*per potersi pronunciare la personale separazione dei coniugi per sevizia e cattivi trattamenti, come fu ripetutamente giudicato dei tribunali francesi, bisogna che tali sevizie e mali trattamenti siano abituali e che abbiano un carattere di gravita` che stabiliscono un sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggi e di umiliazioni che rendono almeno insopportabile l'abitazione e la vita comune*.";

Fil-kaz in ezami jirrizulta fuq ix-xhieda ta' l-attrici (fol. 27) u miz-zewg Affidavits tal-genituri taghha (fol. 19 u fol. 22) illi l-attrici kienet assoggettata ghal perkossi mill-konvenut zewgha anke jekk dan jichad l-incidenti tas-swat meta gie rinfaccjat bihom in subizzjoni (fol. 47). Ugwalment jinnega l-akkuza ta' indifferenza versu martu u uliedu;

Bhala episodji saljenti tal-hajja konjugali l-attrici tadduci l-fatt illi zewgha ma kellux hegga ghax-xoghol u kienu kostretti jghixu bir-*relief*, li rafa' jdejh fuqha meta kienet gravida bit-tieni tarbija, li ma kienx jiehu hsieb it-tfal, u li sahansitra kien japproprja ruhu mic-Children's Allowance taghhom biex imur jilghabhom u joqghod barra sas-sighat bikrin ta' filghodu. Irrizulta wkoll illi l-konvenut kellu diversi akkuzi ta' serq li dwarhom kien qed jiskonta piena karcerarja, u li inoltre wara li abbanduna lill-attrici, ingarba ruhu f'relazzjoni ma' certa Mariella Spiteri li minnha kellu tarbija. L-attitudni, imbaghad, tal-konvenut versu martu u uliedu hi assommata fl-espressjoni goffa lill-omm l-attrici fl-okkazjoni meta abbandunahom: "Ha, hudhom, rabbihom int.";

Il-Qorti hi konvinta u perswasa mix-xhieda prodotta illi t-trattament ricevut mill-attrici da parte ta’ zewgha ma kienx wiehed li jista’ jigi kondonat jew jitqies skuzat. Il-fatti kif irrizultaw huma bizzejjed gravi, konsiderati fil-kumpless taghhom, biex jirrendu l-konvivenza nsopportabbli u jnisslu avversjoni qawwija anke lil min, bhall-attrici u fi kliemha stess, kienet mignuna fuqu. Is-swat, imbaghad, hi l-aghar forma ta’ att ta’ krudelta` li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal ghat-tifrik taz-zwieg. Ir-responsabilita` ghandha b’konsegwenza tkun addebitata lil min bil-komportament tieghu wara li ma gharafx jikkontrolla lilu nnifsu u ma kienx ippreparat jerfa’ bis-serjeta l-piz tal-hajja mizzewga. Jekk, kif konfessat mill-konvenut, ma kellux intenzjoni ta’ zwieg kien messu ma dahalx fih mill-ewwel u mhux wara jgib ruhu b’imgieba kundannabbli daqs li kieku qatt ma zzewweg;

Filwaqt li l-Qorti, kif fuq inghad, hi sodisfatta mill-provi li tressqu dwar ir-responsabilita` tal-konvenut, mhux l-istess jista’ jinghad dwar il-konsistenza ta’ l-assi tal-komunjoni jew il-pretensjoni ta’ l-attrici dwarhom. Dan qed jigi rilevat fil-kaz tas-somma tar-rigal li l-attrici tallega li giet percepita minn zewgha meta nnegozja t-trasferiment tal-fond. L-attrici tghid li saret taf mill-akkwirent il-gdid tal-post li zewgha thallas hamest elef lira (Lm5000) pero` imbaghad hi naqset li tipproduci lil dan l-akkwirent biex jissufraga l-istqarrija taghha. Dan kien hekk opportun li jsir gjaladarba din il-Qorti, rinfaccjata bl-izmentita tal-konvenut, ma tistax leggerment taccetta prova “fuq kliem haddiehor” (Artikolu 598(1), Kapitolu 12);

Il-Qorti ser tordna pero` li l-istess vettura Numru ta’ Registrazzjoni A – 9532 (ara estratt tal-*log-book* a fol. 42) tittiehed interament mill-attrici, biex tpatti ghal fatt li mhix qed tircievi manteniment minghand zewgha;

Kwantu ghall-kumplament ta’ l-effetti tal-komunjoni l-Qorti tinnota li skond kif mistqarr minnha (fol. 30) l-attrici tghid li ma trid xejn mill-affarijiet li ha zewgha fil-mument tas-separazzjoni *de facto*;

Dwar il-manteniment din il-Qorti ma tistax ma tinnotax il-fatt illi prezentement il-konvenut jinsab jiskonta sentenza karcerarja jew li hu dizokkupat. Filwaqt pero` li tiehu konjizzjoni ta' dan il-fatt, *rebus sic stantibus,* minn naha l-ohra ma tistax tinjora l-principju enuncjat f'bosta sentenzi illi d-dizokkupazzjoni ma hijiex per se` motiv biex tehles lir-ragel mill-obbligu tal-manteniment lejn martu u uliedu. Dan aktar u aktar imbaghad fejn, bhal f'dan il-kaz, id-dizokkupazzjoni tkun kolpuza (**Vol. XXXVIII P II p 520**); "**Doris Mizzi –vs- Mario Mizzi**", Appell, 19 ta' Mejju 2000);

Huwa gust ghalhekk illi d-drittijiet ta' l-attrici jigu f'dan ir-rigward pjenament rizervati.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta` u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba htijiet imputabbli lill-konvenut;

Takkolji t-tieni domanda u takkorda l-kura u l-kustodja ta' l-ulied minuri Shannon u Brandon lill-attrici, b'dan pero` li qed tikkoncedi lill-konvenut id-dritt ta' l-access kull nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha mill-5:30 p.m. sas-6:00 p.m. taht supervizjoni fl-Ghassa tal-Pulizija kif hekk ordnat il-Qorti Civili, Sekond' Awla fid-digriet taghha (Numru 429/97, fol. 4);

Tilqa' t-tielet domanda fis-sens biss li tiddikjara li l-konvenut hu obbligat illi jhallas lil martu ghaliha u ghall-ulied minuri r-retta alimentarja skond ic-cirkostanzi minn zmien ghal zmien, imma li ghalissa ma huwiex qed jigi kkundannat li hekk jaghmel in kwantu fic-cirkustanzi li rrizultaw mill-atti prezentement huwa ma jinsabx f'posizzjoni li hekk jaghmel. F'dan ir-rigward ghalhekk il-jedd ta' l-attrici *proprio et nomine* jibqa' mpregudikat;

Tilqa' r-raba' domanda billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti u tordna li l-vettura tat-tip "Mazda" Numru ta' Registrazzjoni A-9532 tigi assenjata lill-attrici bhala

sehemha mill-komunjoni kif ukoll ghal motiv illi mhix qed tigi somministrata l-ebda manteniment minn zewgha in raguni ghac-cirkostanzi maghrufa u fuq espressi;

Tilqa' wkoll il-hames domanda u tikkommina fil-konfront tal-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili u l-attrici tigi akkordata l-pjena amministrazzjoni tal-gid taghha;

Finalment tilqa' s-sitt talba ta' l-attrici billi a tenur ta' l-Artikolu 62 (1) tal-Kodici Civili tawtorizzaha tirriverti ghal kunjom xbubitha, jigifieri Chetcuti.

L-ispejjez tal-kawza ghandu jbatihom il-konvenut kontumaci.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------